Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 49**

**Data:** Il-Tnejn, 30 t' Awwissu 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Amministrattiva Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali / Online fuq Microsoft Teams

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Attendew online:**
Perit Graziella Galea – Membru

**Mistiedna:**
Is-Sur Stephen Ellul – OPR
Is-Sa. Rose Marie Mercieca – Sports Malta

**Skużati:**
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association T:
Local Government Building, E:
Triq il-Gvern Lokali,

**49.1 Ittri ta' Apoloġija**

49.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li s-Sur Anthony Mifsud ikun skużat peress li ftit siegħat qabel il-laqgħa kien sar il-funeral ta' ħu s-Sur Mifsud.

49.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-apoloġija.

**49.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.48**

49.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

49.2.2 Perit Galea talbet li jkun hemm korrezzjoni sabiex il-minuti juru li hija daħlet għal-laqgħa għall-ħabta ta' sitta ta' filgħaxija.

49.1.3 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif intalbu li jkunu approvati mill-Perit Galea.

**49.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 48**

| | |
|---|---|
| **49.3.1 Green Walll, Green Roof u Sistema ta' Irrigazzjoni** | Il-President semma li l-AKL għaddejja b' konsultazzjoni kemm mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex ikun hemm gwida sabiex l-AKL tmur għat-tieni offerta wara li l-kuntrattur magħżul naqas milli jimxi mal-obbligi tiegħu. Il-President semma li l-kuntrattur li tefa' l-orħos offerta bagħat dikjarazzjoni sabiex huwa jaċċetta li l-AKL tmur għat-tieni l-orħos offerta. |
| **49.3.2 Group Life Policy** | Il-President semma li l-AKL ipproċediet kif kien approvat fil-laqgħa preċidenti. Semma li l-avviż legali kien ser jitressaq kabinett fil-jiem li kienu ġejjin. |
| **49.3.3 Kontroll tal-Ħamiem** | Il-President semma li kienu miksuba l-permessi kollha sabiex jinġib l-għalf. Kif ukoll semma li kienet ser issir laqgħa ma' l-ewwel grupp tal-Kunsill li fihom ser ikun qed jibda l-proġett. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

| | |
|---|---|
| **49.3.4 Webinars u taħriġ organizzat mill-AKL** | Il-President li ser ikun qed ikompli t-taħriġ nhar il-15 ta' Settembru 2021. |
| **49.3.5 PCRB – Bus Shelters** | Il-President semma li għadhom għaddejjin kwistjonijiet ma' Transport Malta sabiex jibda t-twaħħil ta' Bus Shelters hekk kif propost mill-Kunsilli Lokali. Semma li TM qed ikunu selettivi fiż-żoni li huma qed japprovaw. Il-President semma wkoll li l-AKL kienet bagħtet ukoll risposta għal ittra li rċiviet mingħand il-kuntrattur Faces. |

49.3.6 Il-President propona li jkun hemm sospenzjoni tal-aġenda sabiex tkun tista' issir preżentazzjoni minn Sports Malta kif ukoll mill-OPR fuq il-President's Fun Run. Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva li jkun hemm sospenzjoni tal-aġenda.

49.3.7 Is-Sur Stephen Ellul u s-Sa. Rose Marie Mercieca intalbu jidħlu għal-laqgħa għall-ħabta tas-18:00.

**49.4 President's Fun Run 2021**

49.4.1 Il-President semma li minħabba l-pandemija u r-restrizzjonijiet li ġabet magħha, din l-attivita' ma tistax tkun organizzata kif imdorrijin biha.

49.4.2 Il-President stieden lis-Sur Ellul u s-Sa. Mercieca sabiex jagħtu l-preżentazzjoni.

49.4.3 Preżentazzjoniji annessa u mmarkata Dok A.

49.4.4 Il-President semma li huwa importanti li jkun hemm koordinament sħiħ mar-Reġjuni. Fuq proposta tal-President, l-AKL ser tkun qed tħallas għall-istampar ta' riklami li ser ikunu qed jitpoġġew fuq madwar disgħin bus shelter. Il-President semma li l-kumpanija tal-Bus Shelters kienet offriet bla ħlas l-ispazju mingħajr ħlas sabiex tkun tista' ssir kampanja nazzjonali fuq din l-attivita'.

49.4.5 Is-Sur Ellul u s-Sa. Mercieca ħallew il-laqgħa fis-18:30.

**49.5 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 48 – kontinwazzjoni**

| | |
|---|---|
| **49.5.1 Teambuliding** | Il-President semma li nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Settembru kien ser jiġi organizzat teambuilding ġewwa Għawdex għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi, Ħaddiema tal-Kunsilli kif ukoll ta' Diviżjoni. Semma li ser ikun provdut transport kif ukoll ikla ta' wara nofsinhar għal min jattendi. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

| | |
|---|---|
| **49.5.2 EV Infrastructure-Dokument maħruġ mill-AKL** | Il-President semma li nhar it-Tnejn, 13 ta' Settembru 2021 ser ikun hemm t-tnedija ta' l-ewwel dokument maħruġ mill-AKL rigward l-infrastruttura tal-EVs. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li ser tintbgħat stedina lis-Sindki u l-Kunsilliera sabiex ikunu jistgħu jattendu. Il-President semma wkoll li għaddej ix-xogħol fuq il-website l-ġdida Resident First. |
| **49.5.3 Ħsarat strutturali fil-Binja Amministrattiva tal-AKL** | Il-President semma li l-INDIS ġew infurmati kif ukoll ġew jagħmlu l-ispezzjonijiet flimkien mal-Periti tagħhom. Semma li skond ir-rapport tal-Periti l-binja mhix ikkundannata u l-ħsara hija biss fil-pilastri li qed iżommu l-ħnejjiet mal-faċċata. Semma li l-INDIS ser ikunu qed jagħmlu l-manutenzjoni fuq il-binja. Semma wkoll li ser ikun qed jara mal-Periti li qed jieħdu ħsieb ix-xogħol jistgħux jissaqfu l-kuruturi minn barra anki biex dawn ikunu tal-lqugħ mix-xita għall-uffiċini t' isfel. |
| **49.5.4 Impjegat mal-AKL** | Il-President semma li kif ikun hemm konferma mil-Ministeru tal-Finanzi li l-AKL ser tingħata l-fondi meħtieġa, jibda l-proċess sabiex jiġi impjegat ħaddiem ieħor mal-AKL. |

**49.6 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **49.6.1 Għarmar tal-faċċata tal-binja fi żmien il-Milied** | Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex tkun tista' tiżżejjen il-faċċata tal-binja tal-AKL għall-zmien il-Milied. |
| **49.6.2 Christmas Gala Noght in Aid of MCCF** | Il-President semma li din is-sena għall-żmien il-Milied, l-AKL ser tkun qed torganizza Gala Night għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema u d-dħul minn din l-inizjattiva jmurr għall-MCCF. |
| **49.6.3 Kids Christmas Party** | Il-President semma li għall-ewwel darba ser ikun organizzat Christmas Kids Party għat-tfal ta' Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema. Semma li ser ikunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet fil-jiem li ġejjin. |

**49.6.4 Laqgħat one-to-one**

Il-President semma lli komplew il-laqgħat one-to-one mill-AKL mal-Kunsilliera, kemm f' Għawdex kif ukoll f' Malta.

**49.6.5 Convent of Mayors**

Il-President semma li kien hemm komunikazzoni ma' CEMR fejn qed jitolbu lill-AKL sabiex tieħu ħsieb il-Convent of Mayors ġewwa Malta. Il-President qal li diġa saru xi laqgħat magħhom u ser ikun qed jagħddi aktar informazzjoni fil-jiem li ġejjin. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li jinstab urtat kif dak kollu li beda snin ijlu meta numru ta' Kunsilli daħlu bħala parti minn dan il-fthiem dan kien sfaxxa fix-xejn u qatt ma taw kasu aktar. Il-President semma li ma kienx hemm struttura u lanqas gwida ta' xi jrid isir.

**49.6.6 Merchandise tal-AKL**

Il-President semma li kienu ser jiġu ordnati xi ingravajjet, cufflinks u anki xi merchandise ieħor bħal notepads, pinnen u xi affarjiet oħra li spiċċaw mill-ordni li kienet saret fis-sena 2019.

**49.6.7 Sejħa għall-AEDs**

Il-President semma li s-sejħa kienet qed tiġi miktuba u li kienu qed isiru anki laqgħat ma'' Professjonisti fil-qasam. Il-President semma li qabel toħroġ is-sejħa jrid ikun hemm commitment mir-reġjuni li l-ammonti indikati fis-sejħa ser jiġu mixtrija mir-Reġjuni.

**49.6.8 Community Policing**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-Community Policing. Semma li jidher li hemm indikazzjoni li d-Distretti tal-Puluzija ser ikunu bħal dawk tal-Kunsilli Reġjonali. Semma li ser issir sessjoni ta' informazzjoni għas-Sindki u Kunsilliera lejn nofs Ottubru.

**49.6.9 Żoni Rurali u installazzjoni ta' dawl**

Il-President semma li kienet saret laqgħa mill-AKL, flimkien mal-Enemalta, L-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll l-ERA minħabba d-diffikultajiet li qed isibu ċerti Kunsilli Lokali sabiex jinstallaw dawl f' żoni rurali. Semma li fil-laqgħa kien deċiż li jsir manwal bil-proċeduri li wieħed irid isegwi sabiex Kunsill japplika.

**49.6.10 ĠEMMA**

Il-President semma li nhar it-30 ta' Settembru fis-sala tal-AKL ser ikun hemm sessjoni ta' informazzjoni minn ĠEMMA sabiex jiġi mogħti tgħarif fuq sessjonijiet li Kunsill jista' jorganizza għar-residenti.

| | |
|---|---|
| **49.6 11 Sejħa fuq ġbir ta' skart organiku** | Il-President semma li s-sejħa qiegħda quddiem il-Board tal-Appelli u s-smiegħ ser ikun nhar it-30 ta' Settembru. |
| **49.6.12 Proġett CoE** | Il-President semma li kif huwa informa lill-Eżekuttiv anki permezz ta' ittra elettronika, l-AKL għaddejja b' diskussjonijiet ma' CoE sabiex din l-applikazzjoni tkun tista' tiġi sottomessa. |
| **49.6.13 Kont ma' Solar Solutions** | Il-President semma li kien infetaħ kont ma' Solar Solutions sabiex ikunu jistgħu jiġu iċċarġjati l-karozzi tal-AKL meta wieħed jinqabad barra bihom u ma jkunx fihom charge. |
| **49.6.14 Mandat AKL** | Il-President semma li kellhom jiddiskutu Kabinet il-mandat tal-AKL dan hekk kif kien mitlub mill-AKL sabiex il-mandat tal-AKL jitwal għal ħames snin bħal dak tal-Kunsilli Lokali kif ukoll sabiex il-mandat t' Ottubru 2021 jitwalx sal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali sas-sena 2024. |
| **49.6.15 Climate Change Awards** | Il-President semma li l-AKL kienet issottomettiet applikazzjoni bil-proġett Slow Streets. |
| **49.6.16 Pink October** | Il-Preisdent semma li għall-Pink October l-AKL ser tkun qed tixgħel il-faċċata b' dawl ta' |
| **49.6.17 Green Wall – Ħajt intern** | Il-President semma li wieħed mill-ħajt ta' ħdejn l-uffiċju kien ser jiġi iddekorat bi green wall artifiċjali. Meta inġabru l-kwotazzjonijiet l-ispiża dehret li taqbeż l-€5,000 għaldaqstant wieħed ser ikun qed joħroġ sejħa pubblika. |
| **49.6.18 Imwejjed** | Il-President semma li kienu inxtraw 10 folding tables sabiex il-hall tkun tista' tiġi għarmata f' każ ta' press calls jew seminars. Semma li kien inxtara wkoll id-drapp sabiex jitħietu d-dvalji ta' drapp. |
| **49.6.19 Compose+** | Il-President semma li bħala parti mill-proġett Compose+, l-AKL ħarġet sejħa għall-First Level Controller. Liema offerti qed jiġu evalwati mill-FPD. |
| **49.6.20 Awtorita' ta' Transport Pubbliku** | Il-President semma li saret laqgħa mal-Awtorita' ta' Transport Pubbliku biex ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat. |

**49.6.21 Elezzjoni AKL**

Il-President semma li kif joħroġ l-Avviż Legali tas-Sitt Reġjun, il-Kummissjoni toħroġ skeda ta' dati importanti għall-Elezzjonijiet tal-Eżekuttiv tal-AKL.

**49.6.22 Diploma in Public Administration and Governance – Level 5**

Il-President semma li fi ftit jiem oħra ser ikun hemm t-tnedija tal-kors fuq Livell 5 u li l-AKL ser tkun qed tagħti sussidju lill-Membri Eletti. Semma li ser tiġi organizzata sessjoni sabiex jiġu preżentati ċ-ċertifikati lil dawk li attendew għat-taħriġ u Webinars organizzati mill-AKL.

**49.6.23 Wasteserv**

Il-President semma li wara laqgħat mal-Wasteserv, mad-Diviżjoni kif ukoll mal-NAO kien hemm qbil li jkun hemm sistema ta' off-setting bejn tipping fees li għad irridu jitħalsu mill-Kunsilli Lokali u ħlas dovut mill-Wasteserv lejn il-Kunsilli Lokali tal-ġbir tal-borża organika. Semma li fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tintbgħat direzzjoni mid-Diviżjoni f' dan ir-rigward.

**49.6.24 Programm IMBARAZZANTI**

Il-President semma li kien kif għad kellu laqgħa mat-tim tal-produzzjoni tal-programm IMBARAZZANTI li ser ikun qed jixxandar fuq Net TV. Il-President spjega kif l-AKL ġiet offruta pakkett ta' €7,500 li jinkludi filmati, riklami u anki clips għal sitt xhur. Dan il-programm ser jindirizza problemi ambjentali fosthom skart, ħela ta' riżorsi bħal ilma. Semmew li din hija opportunita' sabiex l-AKL tippromovi x-xogħol li qed tagħmel.

Is-Sur Jesmond Aquilina ma qabilx mal-proposta għax filwaqt li qal li hija għolja ħafna, huwa jemmen li aħjar l-AKL tinvesti f' ħaddiem ieħor milli tagħmel spejjeż bħal dawn.

Il-President semma li din hija spiża ta' darba mhux rikurrenti. Semma wkoll li dan huwa programm edukattiv u mhux partiġjan.

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tieħu sehem f' dan il-programm.

49.6.25 Is-Sur Aqilina talab li jkun skużat fis-19:14

**49.6.26 CSR**

Il-President semma li minħabba l-pandemija din is-sena kien maħsub li kull Reġjun jinnomina entita' volontarja fi ħdan ir-Reġjun rispettiv u l-Kunsilli Lokali, Membri Eletti

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali jikkontribwixxu sabiex jinxtraw xi bżonnijiet li nes vulnerabbli ser jindikaw li għandhom bżonn. Din l-attivita' ser tiġi organizzata matul ix-xhar ta' Novembru sabiex danw ir-rigali jingħataw fil-Milied.

Fuq proposta tal-President kine hemm qbil li kull Reġjun jinnomina entita' sa' l-aħħar ta' Settembru.

**49.7 Affarjiet oħra**

49.7.1 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li mhux xieraq li f' konferenzi stampa organizzati mill-Ministeri, il-Presidenti Reġjonali jiġu mistiedna għall-preżenza biss.

**49.7 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 48**

49.7.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Dr. Samuel Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Lulju 2021 u t-30 t' Awwissu 2021 li kienet tammonta għall-€44,892.93.

**49.8 Aġġornament**

49.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 14 ta' Settembru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.50 li nżammet nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

Dok A.




President's Solidarity Fun Run

# President's Solidarity Fun Run

OFFICE OF THE PRESIDENT OF MALTA



SPORTMALTA

SPORTMALTA

# Overview

President's Solidarity Fun Run

- Annual event
- In aid of Malta Community Chest Fund
- Organised by the Office of the President of Malta
- Assisted by SportMalta
- Thousands of participants
- Four major routes
- One meeting point

# Background

## President's Solidarity Fun Run

Malta Community Chest Fund needs

COVID-19 pandemic restrictions

# Way forward

President's Solidarity Fun Run

| | |
|---|---|
| **Find** | Find an alternative way |
| **Involve** | Involve other important stakeholders |
| **Reach** | Reach the same success |

## Reaching the numbers

President's Solidarity Fun Run

- Target of 7000 participants
- 68 localities across the Maltese Islands
- 100 from each Locality

# Routes

President's Solidarity Fun Run

- Identify the route within each locality
- Identify the starting and the finishing points
- 2 to 3 KM walk
- No disruption of traffic as much as possible
- Possibility of car free hour within each locality

## Security

President's Solidarity Fun Run

# COVID-19 protocol of the day

# Service men to be present in all localities

# Set-up

President's Solidarity Fun Run

- Speaker for music
- Provided banners
- Any other equipment to attract attention

# Registrations

President's Solidarity Fun Run

- Registration of participants at Local Council Office
- Collection of donations from participants
- Distribution of t-shirts
- Distribution of number bib
- Reconciliation

# Meeting with the President of Malta

## President's Solidarity Fun Run

- All Mayors to meet the President of Malta after the event
- Presentation of donations

Television feeds

President's Solidarity Fun Run

# Regional hubs

# Previous years' starting points

## Popular persons

**President's Solidarity Fun Run**

- Politicians
- Influencers
- Personalities

# Important dates

President's Solidarity Fun Run

- **15 Oct.** — Launch of the President's Solidarity Fun Run
- **14 Nov.** — President's Solidarity Fun Run

Thanks for your attention